MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 13

IT-TLIETA 25 TA' AWISSU 2009 FIL-5.30 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li l-Minuti tas-Seduta Numru 13 jiġu approvati wara li dawn ġew emendati. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku A. Vassallo u mis-Segretarju Eżekuttiv M.Pisani

## II APPROVAZZJONI TAL-PJAN TA' ĦIDMA

i Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-Pjan ta' Ħidma għal din is-sena. Dan ġie diskuss u approvat unanimament mill-Kunsill.

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ADT approvat il-proġett tar-*roundabout* fi Triq il-Prinjolata. Hija ħadet l-inkarigu li tikkomunika mal-MEPA biex jiġi stabbilit meta ser jiġi iffirmat il-kuntratt tal-UIF.

ii Is-Sindku rrappurtat dwar il-laqgħa li kellha mal-Inġinier Curmi biex jitħejja document biex jintalbu fondi mill-EU għal-studju dwar sistemi ta' *energy saving*. Hija qalet li l-Inġinier qed jindaga anke dwar skemi oħra li l-Kunsill jista' jakkwista fondi minnhom. Hija qalet ukoll li meta l-applikazzjoni (*draft*) tkun lesta se tintalab laqgħa mal-MEUSAC.

iii Il-Kunsill iddiskuta l-proġett tal-"*junction*". (Triq Prinjolata ma Triq Prinċipessa Margerita). Is-Sindku nfurmat li saret *site visit* ma uffiċjal mis-sezzjoni tad-distretti dwar il-proġett tal-bankini. Hija qalet li l-ewwel xogħlijiet għandom isiru fit-Toroq li l-Kunsill kien approva u li kienu urġenti. Hija qalet ukoll li l-bankini tal-proġett għandhom isiru wara li jitlestew dawn. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li hija għada ma rċeviet l-ebda kwotazzjoni tax-xogħlijiet involuti. Hija qalet li huwa ferm importanti li l-Ministeru jinforma l-Kunsill bil-miktub bix-xogħlijiet kollha nvoluti u fejn irid jiġi ffinanzjat mill-Kunsill biex jiġi assigurat li hemm flus allokati bil-*budget* ghal dan il-proġett. Il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għall-offerti ghal materjal neċessarju għax-xogħlijiet tal-bankini.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## III PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

iii (cont) Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-installazzjoni tal-*voltaic panels*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kien hemm żieda fl-allokazzjoni li ngħatat mill-Gvern. Is-Sindku rrappurtat dwar id-diskussjoni li kellha mal-Inġinier Curmi biex jiġi stabbilit il-post fejn dawn għandhom jitpoġġew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni tal-MEPA għal-fondi mill-UIF qiegħda *on hold* sakemm il-Kunsill jiddeċiedi l-post eżatt fejn dawn se jitpoġġew. Saru suġġerimenti li dawn jitpoġġew fuq it-turretta ta' wieħed mill-flats li qiegħed viċin il-proġett. Is-Sindku qalet li jjistgħu jitpoġġew fil-Blk D5 peress li hemm diġa' l-kaxxa tad-dawl. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ġibed l-attenzjoni li f'dan il-Blokk m'hemmx lift u għaldaqstant 'l quddiem ikollhom jerġgħu jinqalgħu. Huwa qal li dawn għandhom jitpoġġew fejn fil-Blokk diġa' hemm lift eżistenti. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Cachia Castelletti jitkellem mar-residenti tal-Blokk tiegħu dwar din il-possibilta.

iv Il-Kunsill iddiskuta l-*yellow bay* li saret fix-Xatt biex tintuża mis-*sightseeing buses*. Is-Sindku nfurmat li din saret fil-post fejn il-Kunsill talab l-approvazzjoni lill-ADT biex jiżdied l-ipparkjar. Hija qalet li din saret mingħajr ma l-Kunsill ġie nfurmat jew ikkonsultat. Ġie deċiż li t-tabella u s-sinjali li saru jitneħħew immedjatament. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tikteb lill-ADT dwar din il-materja.

v Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa dwar it-*Territorial EU Funding*. Hija qalet li hemm diversi programmi li wieħed jista' japplika ghalihom u l-quddiem il-Kunsilli se jiġu nfurmati bl-applikazzjonijiet li jkun hemm. Is-Sindku nfurmat ukoll li l-applikazzjoni ta' l-Italja li l-Kunsill tagħna ħa sehem fiha bħala partner ġiet aċċettata u fil-ġimgħat li ġejjien grupp ta' żgħażagħ se jerġa' jipparteċipa fil-program tal-*Youth in Action*.

vi Dwar iż-żjara tal-Kunsill f'Ilioupoli il-Kunsill approva x-xiri tar-rigali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-insurance lesta u kopja tagħha u tal-biljett ta' l-ajru se jingħataw fil-jiem li ġejjien.

vii Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħlijiet fuq l-arloġġ tad-dawl, l-*electric locks* u l-*fire alarm* huma konklużi.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli)

viii Is-Sindku rreferiet ghat-*tender* tal-*contract manager*. Hija rrappurtat li l-parir tad-Direttur dwar din il-materja kien li l-Kunsill irid jimxi skond il-proċeduri. Hija rreferiet għal dak li qalet fil-laqgħa preċedenti u sostniet li minħabba dubji li nħolqu dwar l-offerti sottomessi tħoss li dan il-kuntratt ghandu jerġa' joħroġ għall-offerti. Hija pproponiet li l-kuntratt eżistenti jiġġedded u meta ssir s-sejħa għat-tenders l-oħra fl-aħħar ta' din is-sena dan ikun wieħed minnhom. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu ma jaqbilx ma dan u li l-Kunsill għandu jaċċetta l-offerta l-oħra. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li jekk it-tender jaqa' l-Kunsill għandu jirrifondi lura l-miżata li tħallset. Il-Kunsill qabel ma dan. Ittieħed vot fuq il-proposta tas-Sindku u din għaddiet bi 3 voti favur, 1 kontra u astensjoni.

ix Il-Kunsill iddiskuta l-petizzjoni li saret minn xi residenti dwar il-*pontoons* temporanji. Is-Sindku nfurmat li l-Kunsill ma kienx oġġezzjona għal danil-proġett pero' kien intalab li l-parti tax-Xatt, minn ħdejn l-*Acquatic Sports Club* sa fejn kien hemm l-Uffiċċju tal-Awtorita' Marittima, m'għandux jitmiss. Il-Kunsillier A.Cachia Castelletti qal li din kienet ġiet diskussa pero' ma hemm xejn fil-minuti.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li r-*Royal Malta Yacht Club* ukoll applikaw lill-MEPA biex jitpoġġew pontoons fix-Xatt wara l-Uffiċċju tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li ssir oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

x Ġiet ippreżentata l-pjanta bil-proposta tal-Perit dwar immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Prinċipessa Margerita. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Saru suġġerimenti oħra dwar kif tista' tiġi solvuta l-problema biex jiġi evitat li Triq il-Watar issir *one way*. Is-Sindku qalet li l-Perit ħa dawk il-miżuri peress li fil-*crossroad* isiru ħafna inċidenti anke minħabba l-fatt li s-**side roads** m'humiex bi dritt xulxin. Ġie deċiż li ssir *site visit* oħra mal-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv rreferiet għat-talba tal-Kunsill biex jitkomplew id-*double yellow lines* Fuq ir-Rampa u biex isiru sinajli tat-traffiku fi-Triq Abate Rigord kantuniera max-Xatt. Il-Kunsill ġie nfurmat li s'issa għad m'għandiex risposta mill-ADT dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Dwar il-ħarġa tal-fuljett s-Sindku qalet li minħabba xogħol aktar urġenti dan għadu ma tlestiex. Ġie deċiż li l-Kunsilliera jaġġornaw l-artikli u meta jkun lest id-draft jiltaqa' l-bord editorjali.

ii Ġew ippreżentati żewġ kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet li jinvolvu tneħħija ta' siġar minn taħt ir-Rampa ta' Ta' Xbiex. Ġie deċiż li x-xogħlijiet isiru minn J. Borg. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li l-manutenzjoni tar-rampa għall-użu ta' persuni bi bżonnijiet speċjali li hemm ħdejn il-Knisja saru mill-istess kuntrattur.

iii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-*lap tops* inxtraw u ngħataw lill-Kunsilliera.

iv Il-Kunsill ġie nfurmat bl-attivita organizzata mill-MEUSAC, l-Ewropa fil-Pjazza. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din se ssir fix-Xatt fis-17 ta' Settembru 2009.

v Is-Sindku nfurmat li s-Segretarjat tal-Onor. M. Demarco se jorganizza flag week bejn il-ħdax u t-tlettax ta' Settembru. Il-Kunsill qabel li f'dawk il-ġranet tittella' l-bandiera l-kbira.

vi Il-Kunsill qabel li jingħata permess sa l-aħħar ta' Ottubru 2009 lill-Melita Plc biex jarmaw kiosk kummerċjali fix-Xatt.

vii Is-Sindku nfurmat li se ssir laqgħa *ad hoc* tal-Kumitat Konġunt dwar ir-riforma tas-sistema tal-infurzar lokali.

viii Il-Kunsill iddiskuta l-iskema tal-fondi speċjali. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill japplika biex jinxtraw 4 bring-in-sites żgħar fix-Xatt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## IV MOZZJONIJIET

i Il-Kunsill reġa' iddiskuta Mozzjoni 08/09 dwar Ġemellaġġi. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrapporta li huwa tkellem mal-Kunsillier tal-Gzira responsabbli minn din il-materja, Dr. I. Micallef. Huwa qal li dan qabel ma din il-proposta peress li b'hekk ikun iktar possibbli li nakkwistaw fondi mill-Europa. Is-Sindku qalet li hija taqbel li jkun hemm xi forma ta' ftehim pero' ma tħossx li hemm għalfejn dan ikun ġemellaġġ. Il-Kunsillier Cachia Castelletti qal li l-ġemellaġġ huwa mportanti minħabba li xi applikazzjonijiet ikun hemm stipulat li jrid ikun iktar minn ġemellaġġ wieħed biex l-applikazzjoni tkun eliġibbli. Għaldaqstant is-Sindku qalet li hi ma ssib l-ebda oġġezzjoni dment li t-terms of reference jinkludu biss dak li hemm imsemmi fil-mozzjoni. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti assigura li kull ma jsir se jkun bl-approvazzjoni tal-Kunsill u bi qbil bejn it-3 Kunsilli nvoluti.

Ittieħed vot fuq il-mozzjoni u kien hemm qbil unanimu.

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsilliera F. Roe u l-Kunsillier E. Muscat ipprezentaw rapport ta' lmenti.

ii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti rrefera għall-mozzjoni ta' Ġieh ta' Xbiex u qal li hemm bżonn li din tiġi attwata. Ġie deċiż li jsiru *terms of reference.* biex jiggwidaw lil dan il-Kumitat u li ssir laqgħa għal dawk kollha involuti.

iii Il-Kunsillier F. Roe ippropona li ssir bozza ġdida fe Triq id-Deffa kantuniera ma Triq il-Maskli peress li hemm id-dlam. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tkellem il-kuntrattur dwar dan.

iv Dwar it-talba mir-residenti biex tiġi attwata wkoll l-iskema ta' ipparkjat għar-residenti Fuq ir-Rampa, il-Kunsilliera A. Cachia Castelletti u F. Roe ħadu l-inkarigu li jindagaw dwar dan u jirrappurtaw lil Kunsill.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-Ittra ta' Direzzjoni li għamel l-Awditur għas-sena finanzjarja 2008 – 2009. Hija nfurmat li diġa' ngħatat ir-risposta hekk kif jitolbu l-Proċeduri Awditjarji.

ii Il-Kunsill ġie nfurmat bid-direttiva tad-Dipartiment li l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill irid jibda' jinfetaħ nhar ta' Sibt. Hija rrappurtat li l-iskrivani tal-customer care unit m'għandhom l-ebda problema biex jagħmlu dan peress li s-Sur Teuma għadu jażdem bil-kuntratt u Ms. Vella tippreferi taħdem ħinijiet iqsar matul il-ġimgħa. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li d-Dipartiment għadu m'approvax it-talba tal-Kunsill biex tiġi mpjegata skrivana oħra *part time*. Il-Kunsill talab li nerġgħu niktbu dwar din il-materja.

iii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti irrefera għal *website* tal-Kunsill u qal li din mhux biss mhix aġġornata iżda fiha informazzjoni żbaljata dwar il-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġibdet l-attenzjoni tal-kuntrattur iżda kollox baqa' kif kien. Hija qalet ukoll li l-kuntrattur oriġinali li kien jieħu ħsieb is-sit kien ferm iktar effiċjenti u pproponiet li nerġgħu nitkellmu miegħu dwar din il-materja. Il-Kunsill qabel ma dan.

## VII APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

**Il-Laqgħa spiċċat fid-9.15pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 29 ta' Settembru 2009 fil-5.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv